HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

Il-Ħdax il-Sena Nru. 59/60 | ĦAL BALZAN | April/Settembru 1982

EDITORJAL

IL-FESTA TAL-LUNZJATA

Il-Festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan suppost li saret fil-11 ta' Lulju; iżda peress li dak in-nhar intlagħbet il-Finali tat-Tazza tad-Dinja, ġo l-istadju Barnabeu, fi Spanja, ma kienx lok li l-Balzanin jgħaddsu rashom u jagħmlu l-Festa! Għax ħafna nies ma kienux jiġu; u x'inhi Festa mingħajr nies? Mhux hekk biss — jekk wieħed joqgħod jaħseb, ħafna mill-bandisti ma kienux jiġu għax iridu jaraw il-Finali; l-istess tal-mużika, abbatini, fratelli,. . . . insomma kulħadd!!

Għalhekk din is-sena l-Festa se tinżamm fid-19 ta' Settembru. Nitolbu li xita ma tagħmilx! Iżda ma jistax ikun!! Staqsu lill-Balzanin ta' l-età tagħhom ħalli jgħidulek! Għar-riħ u għax-xita ma jgħaddina ħadd. Tiġi meta tiġi l-Lunzjata, f'Marzu, f'April, f'Ġunju, f'Lulju jew f'Settembru, qishom jinfetħu bibien is-sema u fomm ir-riħ, biex icaħħdu 'l Balzanin mid-divertiment li ġġib magħha l-Festa.

Niftakar meta miet ir-Re Ġorġ VI, missier ir-Reġina Elizabetta II, b'turija ta' luttu (dak iż-żmien il-Festa kienet issir Ħadd il-Għid, jiġifieri Ħadd fuq l-Għid) il-Festa pposponewha għall-aħħar jiem ta' Ġunju. Xorta waħda fl-eqqel tas-sajf tagħmillek ix-xita!

Xi ftit tas-snin ilu, il-Lunzjata tawluha għal Settembru. U x'baqa' ma għamilx dak in-nhar! U toħroġ il-għaġeb l-aktar ammont ta' xita li tqieset mal-medda ta' Malta w Għawdex kien fl-inħawi tagħna. Surmast anzjan Balzani li kien inkarigat jara kemm niżlet xita fil-kejl li jinsab l-iskola tal-Gvern ta' Ħal Balzan/Ħal Lija, jgħidlek li qatt ma jiftakar daqshekk xita f'jum wieħed — s'intendi f'Jum il-Lunzjata!

Nawguraw li għalkemm il-Festa ser issir f'nofs Settembru, ma titħassrilniex bir-riħ u x-xita! Tkun xewqa ta' kull Balzani li jara l-Lunzjata tagħni u tbierek lit-toroq prinċipali tar-raħal meta tgħaddi fuq l-ispallejn, fost briju liema bħalu kif jafu joħolqu l-Balzanin. U xi ngħidu hekk kif il-vara tasal biex tidħol il-Knisja? Is-'Searchlights' jintefgħu fuq wiċċ il-Lunzjata u l-Arkanġlu Gabrijiel; il-banda fuq iz-zuntier iddoqq l-Ave Marija; il-kaxxa nfernali tal-kulur timla s-sema kollu u l-qlub tal-Balzanin waqt li jlissnu talba speċjali lil-Lunzjata, jintilfu f'sokor ta' hena hekk kif il-vara tasal biex tidħol il-knisja — iżda din id-darba mhux għal sena oħra, kf ngħidu s-soltu, iżda għal għaxar xhur oħra, għax nisperaw li sena oħra, l-Festa terġa' ssir fit-tieni Ħadd ta' Lulju!





PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'GIEH MARIJA ANNUNZJATA

MIT-12 SAD-19 TA' SETTEMBRU 1982

Il-Ħadd, 12 ta' Settembru

6.00 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa min-niċċa. Salut mid-dilettanti tan-nar tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

It-Tlieta, 14 ta' Settembru

6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa bi tħejjija għall-festa.

L-Erbgħa, 15 ta' Settembru—L-Ewwel Jum tat-Tridu

6.00 p.m. Għasar kantat bil-Malti bis-sehem tal-poplu.

6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mir-Rev. Dun Ġużepp Grech Cremona B.A., Lic.D., Kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-mużika. Il-funzjoni tagħlaq bil-kant ta' l-Innu Popolari lil Marija Annunzjata, versi tal-Balzani Ġorġ Borg u mużika ta' Mro. Patri Prov. Albert Borg O.S.A.

Il-Ħamis, 16 ta' Settembru — It-Tieni Jum tat-Tridu

7.15 p.m. Quddiesa Kantata. Kollox bħall-ewwel jum.

Il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru—It-Tielet Jum tat-Tridu

Kollox bħal jumejn ta' qabel.

8.00 p.m. Il-Baned "St Gabriel" tal-Parroċċa u "St Joseph" ta' Ħal Għaxaq jagħmlu marċi mat-toroq tal-Parroċċa. Mixgħela ġenerali u logħob tan-nar mid-delettanti Balzanin.

Is-Sibt, 18 ta' Settembru — Lejlet il-Festa

6.30 p.m. Traslazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna; quddiesa bil-mużika u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jiċċelebra s-Saċ. Joseph Borg M.S.S.P.

8.00 p.m. Il-Banda "San Gabriel" tagħmel marċ, imbagħad tesegwixxi programm fuq iz-zuntier tal-knisja, taħt it-tmexxija ta' Mro. Clemente Sciberras, A. Mus. L.C.M. (Lond.). Il-programm jispiċċa bl-esekuzzjoni ta' l-Innu lil Marija Annunzjata, versi ta' Dun Frans Camilleri, mużika ta' Rev.mu Mons Kav. Carmelo Scerri. Ikanta t-tenur Andrew Sapiano flimkien mal-kor 'Pax Christi' tal-Għargħur, immexxi minn Dun Karm Bezzina.

8.00 p.m. Il-Banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa ddoqq marċi, imbagħad tesegwixxi programm fi Pjazza Balzan.

10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti tan-nar tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

(Ikompli f'paġna 8)

"ĦAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Ħamrun.

MESSAGG TAL-KAPPILLAN GĦALL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA

Wara dewmien ta' xahrejn din is-sena waslet ukoll il-Festa ta' Marija Annunzjata. Okkażjoni sabiħa għar-raħal li kulħadd ikun qed jistenniha u tosserva li kif tkun qed toqrob il-Festa ħafna jibdew jippreparaw u jgħinu biex din l-okkażjoni fir-raħal ma tgħaddix bla ma tħalli tifkiriet sbieħ sa sena oħra.

Il-Festa tar-raħal hija taħlita ta' attivitajiet reliġjużi u profani. Funzjonijiet reliġjużi fil-Knisja u attivitajiet soċjali barra mill-Knisja. Imma l-ħsieb oriġinali tal-Festa huwa ħsieb reliġjuż. Permezz ta' funzjonijiet reliġjużi solenni l-Knisja tħajjar lill-insara biex jitfgħu l-ħsibijiet tagħhom fuq il-Qaddisa li tagħha qed issir it-tifkira. Fil-każ tagħna, fil-Festa tar-raħal il-ħsibijietna nitfgħuhom fuq Marija Annunzjata. Dik it-tfajla umli u qaddisa fil-villaġġ ta' Nazarett li taċċetta li ssir Omm Alla għandha ħafna x'tgħallimna jekk aħna fis-skiet u l-ġabra nimmeditaw kliemha u l-mod kif aċċettat l-istedina tal-Mulej biex permezz tagħha jiġi fid-dinja l-Feddej. Il-priedki fil-ġranet tat-Tridu, l-omeliji fil-Quddies ta' nhar il-Festa u l-Paniġirku waqt il-Quddiesa Solenni huma opportunitajiet li minnhom nitgħallmu aktar dwar din it-Tfajla Qaddisa. U għalhekk intom tifhmu l-importanza li biex ngħaddu l-festa kif jixraq bħala nsara jinħtieġ li nassistu għall-funzjonijiet tal-Knisja.

Il-Parti l-oħra tal-Festa huma ċ-ċelebrazzjonijiet esterni. Dawn isiru, kultant b'sagrifiċċji kbar min-naħa ta' l-organizzaturi, għalina biex fil-Festa nifirħu wkoll bħala bnedmin li qegħdin ngħixu f'raħal wieħed. Hija ħaġa sabiħa li aħna fil-Festa nifirħu flimkien bl-ebda piki, bi skop wieħed quddiem għajnejna: Nifirħu għax hija l-Festa ta' Marija Annunzjata, Padruna tar-raħal tagħna.

Jalla l-Festa din is-sena tkun għalina okkażjoni biex nersqu aktar viċin lejn Alla permezz tas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin. Jalla nsiru nafu aktar 'l-Marija fil-messaġġ tagħha lid-dinja fit-Tħabbira ta' l-Anġlu. Jalla nifirħu lkoll flimkien b'sens ta' għaqda u ħbiberija.

DUN TARĊIS

STARLETS
284 HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND
CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

Dun Guzepp Bonello S.Th.L. (1905-1982)

Kmieni nhar is-Sibt filgħodu mill-kampnar tal-knisja parrokkjali tagħna bdew jinstemgħu t-tokki mnikkta tal-qniepen tagħna li kienu qed iħabbru lill-Balzanin li Dun Ġużepp Bonello, saċerdot fabbli u li dejjem kellu daħqa ħelwa għal kull min kien jersaq lejh biex ikellmu jew jieħu l-parir tiegħu ma kienx għadu mal-ħajjin billi tard fil-jum ta' qabel il-Ġimgħa, 23 t'April, kien ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex imur jingħaqad mal-Ħallieq tiegħu u minn għandu jieħu l-premju li kien jistħoqqlu.



Dun Ġużepp twieled il-Birgu fis-27 ta' Diċembru, 1905 minn Ġużeppi u Meranja imwielda Farrugia. Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Birgu u wara kien jattendi d-Dockyard School minn fejn fl-20 ta' Marzu 1920 ikkwalifika għal "boy writer" u beda jaħdem it-Tarzna, iżda wara biss ħames xhur billi tnisslet fih il-vokazzjoni għal saċerdot, ħalla dan ix-xogħol u nsibuh jistudja fis-Seminarju t'Għawdex.

Dam fis-Seminarju għal sentejn għax wara nsibuh bħala novizz mad-Dumnikani fil-Kunvent tar-Rabat. Fl-1924 siefer għal Quercia biex ikompli l-istudju tal-filosofija u fl-1926 reġa' ġie Malta fejn kompla l-istudji tiegħu.

Kien ikkonsagrat saċerdot fit-30 ta' Ġunju 1929. Reġa' kompla jistudja u fl-1931 ħa l-S.Th.L. mill-kunvent tad-Dumnikani. Wara nsibuh f'Acireale fi Sqallija jgħallem il-filosofija, is-Sagra Skrittura, l-Ebrajk u t-Teoloġija Dommatika. Ġie lura Malta biex jgħallem il-filosofija u għallem ukoll it-Test ta' San Tumas. Kien ukoll surmast tan-Novizzi.

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija offra ruħu biex imur igħin lis-suldati fil-batterija u fl-istess ħin baqa' jgħallem u jaqdi d-doveri tiegħu ta' saċerdot. Minħabba mard serju kellu jirtira mill-Kunvent u ġie joqgħod ma' qrabatu Ħal Balzan u fl-1955 qala l-permess biex jirtira minn patri u jsir saċerdot.

Minn dak iż-żmien 'l hawn kien jaqdi d-doveri saċerdotali tiegħu fil-parroċċa tagħna u għal xi żmien kien ukoll prokuratur tal-knisja.

Hu kien verament attiv fil-qasam tal-Mulej u l-priedki tiegħu kienu milqugħa b'interess kbir mhux biss mill-Balzanin, imma tista' tgħid mill-Maltin kollha, għax ma nafx jekk tistax issib raħal fejn ma semgħux il-kelma t'Alla minn għandu. Kont issibu spiss jagħmel irtir u konferenzi, kif ukoll laqgħat għaż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika.

Dun Ġużepp ma għadux hawn biex iwettaq dan ix-xogħol iżda l-memorja tiegħu tibqa' żgur f'dawk li xi darba ltaqgħu miegħu u semgħu l-kelma tiegħu jew iltaqgħu miegħu f'xi waħda mill-laqgħat tiegħu. Il-ġid li ħareġ mill-ħidma saċerdotali tiegħu kien kbir kif nittamaw li l-ħlas tiegħu kien egwali għal ħidmietu. Filwaqt li nagħtu l-għomor lil qrabatu, nitolbu għalih biex Alla jfittex jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Ara wkoll: Borg Guido, Profili Balzanin Nru. 15, Ħarġa Nru. 45.

Valentino Muscat

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija

Edward Messina-Ferrante, bin Herbert u Elizabeth
Ivan Paul Cassar, bin Elias u Josephine
Neville Grech, bin Francis u M. Louise
Stephen Galea, bin Carmelo u Carmela
Claudia Grixti, bint John u Doris
Giselle Fenech, bint Saviour u Carmela
Daniela Balani, bint Richard u Irene
Don Axiaq, bin Alfred u Giovanna
Daniela Lanzon, bint Anthony u Josephine
Daniela Muscat, bint Valent u M. Stella
Clinton Paul Busuttil, bin Anthony u Monica
Michael Borg Cardona, bin Adrian u Anna Maria
Natasha Testa, bint Ronald u Laura
Omar Debono, bin Moses u Lydia
Adrian Borg, bin Vincent u Victoria
Joseph Saliba, bin Francis u Anna Maria
Daniela Sarlo, bint Mario u Doris
Edward Muscat, bin Anthony u Maria
Clifford Cipriott, bin Carmelo u Carmela
Rochelle Wannous, bint Halim u Silvana
Abigail Micallef, bint Frederick u Catherine
Gabriel Micallef, bin Joseph u Elizabeth
Mario Tabone, bin Luciano u Anna
Mark Scicluna, bin Lawrence u Mary
Amanda Buhagiar, bint Emanuel u Anna
Mark Farrugia, bin Alfred u Georgia

Iffurmaw familji nsara ġodda

Saviour Cutajar u Paolina Deguara
John Casasr u Maria Debono
Tarcisio Scicluna u Marlene Mifsud

Għaddew għall-ħajja bla tmiem

Maria Degiorgio (tarbija)
Carmela Bartolo
Rosina Pirotta
Anthony Borg
Vinċenza Cesareo
Saċ. Victor Degabriele
Maria Anna Demicoli
Roderick Demanuele (tarbija)
Catherine Borg
Saċ. Joseph Bonello
Charles Zarb
Lora Bonnici
Carmela Degiorgio

XOGĦLIJIET FIL-KNISJA

Matul din is-sena sar progress fiż-żebgħa tal-Knisja. Irnexxielna nlestu l-Kappellun tal-Kurċifiss biż-żebgħa u fl-induratura kif ukoll tlestew iż-żewġ niċeċ żgħar tal-Madonna ta' Fatima u ta' San Ġużepp, fejn insibu li anke dawn iż-żewġ statwi inżebgħu mill-ġdid. Sar artal-mejda ġdid tal-kawba illustrat bħala xogħol aktar dinjituż għas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u biex inkomplu nżejnu l-presbiterju tal-Knisja tagħna tpoġġew żewġ linef tal-kristall. Ta' min isemmi wkoll li qed isiru trattativi biex titkompla l-pittura tal-Kappellun.

Fl-aħħarnett insemmu wkoll xogħlijiet ta' manutenzjoni li saru fil-Knisja matul is-sena. Il-knisja tagħna billi hija Knisja antika titlob kontinwament xogħlijiet bħal dawn.

Nirringrazzjaw lil dawk il-persuni li b'dedikazzjoni u b'sagrifiċċju ħadmu fil-Knisja matul is-sena mingħajr ħlas.

STATISTIKA DWAR - ETAJIET - GHADD TA' TFAL - ZWIGIJIET - TWELID - IMWIET - ROMOL

L-aħħar darba rajna dwar l-iżvilupp tal-Popolazzjoni ta' Ħal Balzan mis-sena 1575, li kienet ta' 300 ruħ, sas-sena 1980, meta laħqet iċ-ċifra ta' 3915. Rajna wkoll li fis-sena 1575 kien hawn 60 familja/dar u wara 400 sena (1975) insibu 973 familja/dar.

Din id-darba ser inkompli nikteb dwar il-Popolazzjoni ta' Ħal Balzan iżda b'mod aktar demografiku. B'hekk ser ikollna quddiem għajnejna kwadru li fuqu nkunu nistgħu nagħmlu studju ta' statistika tal-poplazzjoni. Dan ser nagħmluh billi naraw ir-rati għoljin u baxxi tal-popolazzjoni, ta' l-etajiet, tan-numru ta' tfal fil-familji, tat-twelid, taż-żwiġijiet, ta' l-imwiet u tar-romol.

Popolazzjoni skond l-etajiet

SNIN	1710	1725	1750	1775	1800	1824	1889	1901
0— 4	56	71	76	63	34	72	96	84
5— 9	70	64	66	55	65	82	83	113
10—14	54	57	73	44	51	82	68	117
15—19	41	57	51	46	40	60	72	102
20—24	46	51	55	50	35	46	86	73
25—29	28	33	38	49	29	41	75	72
30—34	57	37	50	49	28	55	59	82
35—39	43	25	37	52	19	31	46	72
40—44	44	35	48	38	33	43	36	62
45—49	19	31	15	20	32	31	49	68
50—54	23	37	38	27	14	28	34	50
55—59	18	19	13	22	26	17	30	63
60—64	30	24	21	23	14	22	39	56
65—69	11	16	14	16	15	14	24	40
70—74	13	8	19	7	12	18	12	21
75—79	4	5	17	9	5	2	17	11
80—84	3	6	10	3	1	11	10	7
85—89	1	—	2	1	3	2	1	2
90—94	3	—	2	—	—	1	—	1
Popolaz:	564	576	645	574	456	659	836	1096 (1)

Popolazzjoni skond l-etajiet tas-sena 1980

SNIN	
0—17	1057
18—19	157
20—29	265
30—39	633
40—49	627
50—59	513
60—69	401
70—79	221
80—89	37
90—97	4
Popolazzjoni	3915 (1)

Għadd ta' tfal fil-familja

Tfal	1710	1725	1750	1775	1800	1824	1900	1915	1980
1	19	26	35	32	24	24	29	34	269

2	25	34	30	33	20	24	42	33	306
3	26	24	27	19	18	18	27	22	178
4	11	10	10	13	14	22	20	26	49
5	6	6	10	4	7	11	17	15	23
6	1	4	3	2	2	5	11	18	8
7	3	2	3	4	1	5	6	8	2
8	2	—	—	1	—	—	4	4	1
9	—	—	—	—	—	—	—	5	1
10	—	—	—	—	—	—	1	—	—
Pop.	564	576	645	574	456	659	1096	1118	3915 (1)

Żwiġijiet tul il-medda tas-snin

Ħal Balzan sar parroċċa għalih nhar l-14 ta' Awissu 1655 u nħatar Dun Adrijanu Zarb bħala l-ewwel Kappillan u l-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata kellha tibda sservi bħala Knisja Parrokkjali biex fiha jiġu amministrati s-sagramenti. L-ewwel żwieġ li sar minn meta Ħal Balzan inħatar Parroċċa kien nhar it-22 at' Settembru ta' l-istess sena bejn Ġan Marija Felicium (Felice), bin il-mejjet Lazzru min-Naxxar, u Grazzja magħrufa bħala Lukrezja, bint il-mejjet Duminku Zarb minn Ħal Balzan.(2)

Ser naraw issa kemm saru żwiġijiet minn Settembru sa Diċembru tal-1655; wara, mis-sena 1675, ser nibqgħu naraw kemm saru żwiġijiet f'sena partikulari kull 25 sena. Ser naraw ukoll minn liema parroċċa ġie l-għarus.

SENA	GĦADD	PARROĊĊA TAL-GĦARUS
1655	4	Naxxar
		Balzan
		Ħal Bordi
		Rabat
1675	4	Lija
		Żebbuġ
		Naxxar
		B'Kara
1700	4	B'Kara
		Għargħur
		Naxxar
		Żebbuġ
1725	6	B'Kara (3)
		Għargħur
		Balzan
		Mqabba
1750	6	Valletta
		Qormi (3)
		Żebbuġ
		Mosta
1775	3	Mosta
		Siġġiewi
		Balzan
1800	7	Żebbuġ
		Attard
		Balzan (3)
		Valletta
		Mosta
1825	3	Balzan
		Lija (2)
1850	5	Balzan (5)
1875	9	Mosta (4)
		B'Kara (3)
		Balzan
		Għargħur
1900	6	B'Kara
		Lija
		Balzan
		Valletta
		Ħamrun
		Attard
1925	11	Qormi
		Sliema S. Cuor (2)
		Balzan (2)
		Gudja
		Mosta
		B'Kara (2)
		Marsa
		Ħamrun
1950	16	Sliema S. Cuor
		Marsa (3)
		Lija

(Ikompli f'paġna 4)


SILTIET MILL-ISTORJA
TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH


MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA
(near Upper Barracca Gardens)
LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave,
Postcards,
Ceramics,
Wooden Dgħajsas,
Maltese National Dolls.
A visited is solicited. Tel: 21337


MOLLY'S GUEST HOUSE
FIRST CLASS BED AND BREAKFAST
72, Balzan Valley,
Balzan — Malta
Tel: 46227

BRINCAT SALVU
IRONMONGERY AND ELECTRICAL GOODS
175, Main Street,
Balzan

XI DEHRIET TAL-KNISJA BALZAN







(Ikompli minn paġna 3)

Ħamrun (2)
Sliema S. Girgor
Attard
Gżira
B'Kara (2)
Balzan (2)
Żebbuġ
S. Vennera
1975 14 Valletta S. Duminku
Msida (2)
B'Kara S. Elena
Rabat (2)
Mosta (2)
Dingli
Marsa Marija Reġina
Ħamrun Kunċizzjoni
Firenze (Italja) S. Duminku
Balzan
Żebbuġ
1980 17 Balzan (2)
B'Kara S. Elena (5)
Gżira (2)
Naxxar
Sliema S. Girgor (2)
Ħamrun S. Gejtanu
Msida
S. Pawl il-Baħar
S. Vennera
Floriana

Twelid

Dwar it-twelid, ser nikteb biss dwar it-trabi li huma mniżżlin fir-reġistri tal-Magħmudija tal-Knisja Parrokkjali. L-ewwel Magħmudija li saret fil-Knisja Parrokkjali tal-Annunzjata l-qadima kienet nhar is-7 ta' Novembru 1655, meta l-Kappillan Dun Adrijanu Zarb għammed lit-tarbija ta' Filippu Muscat u Grazzja. Ingħatalha l-isem ta' Leonardu.

Sa l-aħħar tas-sena tgħammdu tliet trabi oħra, kollha bniet.

SENA	GĦADD	SUBIEN	BNIET	POPOLAZZJONI
1657	20	7	13	530
1657	10	7	3	530
1658	19	12	7	—
1675	21	7	14	550
1700	21	11	10	575
1725	23	12	11	576
1750	25	15	10	644
1775	20	9	11	574
1800	34	14	20	450
1825	19	11	8	659
1850	15	8	7	632
1875	23	14	9	851
1900	41	22	19	1096
1925	44	21	23	1313
1950	56	31	25	2637
1975	64	38	26	3354
1980	58	27	31	3915 (3)

Għandi nifhem li dawn il-figuri tar-rati tat-twelid tul il-medda ta' 225 sena, barra milli jagħtu l-fatti kif inhuma, igħinu lil min hu studjuż tax-xjenza fl-għarfien aktar miftuħ tal-kamp tiegħu.

Issa jmiss li naraw dwar l-Imwiet. Wara nagħmlu xi osservazzjonijiet.

Imwiet

SENA	GĦADD	KBAR	TRABI
1655	3	3	
1656	6	6	
1657	11	6	5
1700	9	2	7
1725	18	16	2
1750	17	11	6
1775	11	6	5
1800	38	20	18
1825	16	7	9
1850	20	13	7
1875	17	6	11
1900	30	12	18
1925	36	15	21
1950	33	27	6
1975	24	24	—
1980	44	44	— (4)

Ta' min jinnota kemm kienet għolja r-rata ta' l-imwiet tat-trabi fis-snin 1800, 1875, 1900 u fl-1925.

Ser insemmi l-etajiet ta' dawk li mietu fl-1975 : 65; 68; 70; 78; 82; 95; 80; 64; 79; 81; 75; 70; 80;
81; 77; 87; 68; 87; 81;
78; 58; 84; 65; 64.

Romol

Ser naraw kemm ir-rata tatl-mewt tolqot lill-irġiel aktar min-nisa. (5)

SNIN	IRĠIEL	NISA
1710	3	26
1725	7	30
1750	5	22
1775	6	31

1800	5
1824	5
1889	7
1900	12
1915	16
1981	27


Referenzi


(1) Status Animarum 1709 - 198
(2) Liber Matrimoniorum — Uf
(3) Liber Baptizatorum — Uff.
(4) Liber Mortuorum — Uff. Pa
(5) Status Animarum — Uff. P

IL-BORD E
JIXTIEQ
IL-F
T-TA

Genuine antiques
second-hand house
BENNY'S S
HIGH STRE
CONTRACTORS FOR UP
FRAME-MAKING AND
Teleph

PARROKKJALI TA' HAL
N MINN BARRA







40
27
29
31
35
112

— Uffiċċju Parrokkjali.
Parr.
Parr.
r.
r.

ITORJALI
ILKOM
STA
BA

orks of art, and
old goods at:
OWROOMS
T, BALZAN
OLSTERY, POLISHING,
OUSE DECORATIONS
ne: 45513

KURUNELLA LIL MARIJA ANNUNZJATA

Waqt li kont kollok miġbura
Fit-talb t'Alla, o Marija,
Gabrijeli l-Anġlu ħabbrek
biex tkun l-Omm minn tal-Messija.

Bħala wliedek Omm minn tagħna,
Nitolbuk tidħol għalina,
Mit-tiġrib tal-kiefer għadu
Nitolbuk tiddefendina.

Għal dil-bxara hekk sabiħa,
Għal dal-ġid u kbir favur
Bil-prudenza mqaddsa tiegħek
Xejn ma rgħebt għal dan l-unur.

F'dak il-ħin l-Anġlu fissirlek
Il-misteru l-iżjed kbir,
Li bl-istess nar ta' imħabbtek
Alla bniedem fik isir.

Bħala serva tal-Kbir Alla
Qalbek fis irbattha miegħu
U l-Ispirtu s-Santu Alla
Ħadek fis b'għarusa tiegħu.

Bl-ubbidjenza mqaddsa tiegħek
Int sirt l-Omm minn tal-Messija,
U mill-jasar ta' Luċifru,
Fl-istess waqt ġejna mifdija.

Dik l-imħabba li għalina
Nissilt f'qalbek f'dak il-ħin
Lilek għamlet fis refuġju
Minn ta' l-ikbar midinbin.

Minnek ġiet il-fidwa tagħna
Inti waħdek dħalt għalina
Biex ma' l-iben tiegħek tbati,
Li pleġġ daħal biex jifdina.

Mħabba kbira lejna ġietek,
Ridt tarana maħlulin
Mir-rbit kiefer minn tal-ktajjen,
Li bih konna marbutin.

Glorja 'l Alla l-Missier nagħtu,
Glorja lilek, Iben tiegħu,
U 'l-Ispirtu s-Santu Alla
Glorja nagħtu dejjem miegħu.

NITOLBU

Xerred, nitolbuk, Mulej, fi qlubna l-grazzja tiegħek, biex aħna, li bit-tħabbira ta' l-Anġlu għarafna li Kristu Ibnek sar bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu naslu għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet. Bi Kristu Sidna. Amen.



Mons. Guzeppi Depiro - Fundatur tas-Socjeta' Missjunarja ta' San Pawl

Bil-għajnuna t'Alla, f'Lulju li għadda ġejt ordnat saċerdot fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Però, ftit huma dawk li jafu min hu l-fundatur tas-Soċjetà li tagħha jien membru jew x'inhi din is-Soċjetà li huwa waqqaf. Għalhekk ħsibt li f'din il-ħarġa nikteb xi ħaġa dwar il-ħajja tal-Fundatur tas-Soċjetà tiegħi.

Mons. Ġużeppi DePiro, bin in-nobli Alessandru dei Marchesi DePino-D'Amico-Inguanez u Orsla, twieled fl-Imdina fit-2 ta' Novembru 1877. Huwa kien is-seba' tarbija tagħhom.

Fit-tfulija nsibuh jinqala' ħafna fil-pittura, u anke rnexxielu jirbaħ xi kompetizzjonijiet. Fl-1894 huwa għadda mill-eżami tal-matrikola u b'hekk daħal fl-Università ta' Malta fejn studja fil-Fakoltà ta' l-Arti u x-Xjenza għal tliet snin. Fl-1898 huwa qabad il-kors regolari t'Avukat. F'dan l-istess żmien huwa wkoll serva fil-Militar, għaliex skond l-Awtoritajiet ta' Malta ma kenitx xi ħaġa baxxa li tkun suldat u għalhekk anke n-nobbli kienu jibagħtu 'l uliedhom igħaddu xi żmien fil-Militar.

Barra mit-triq t'Avukat, Ġużeppi DePiro kellu triq oħra minn fejn jagħżel — it-triq tas-saċerdozju. Ġie fiż-żmien li ried jiddeċiedi, u kellu jkun fit-8 ta' Mejju 1898, festa tal-Madonna ta' Pompei, li ddeċieda li jaqbad it-triq tas-Saċerdozju. Dan għaliex huwa ra li kienet l-aktar triq addattata għalih. Għalhekk fil-5 ta' Settembru 1898 daħal fil-Kulleġġ Capranica f'Ruma biex jistudja l-filosofija u t-teoloġija. Wara li fl-1901 huwa rċieva l-Ordnijiet maġġuri tas-Suddjakonat u d-Djakonat, huwa ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Marzu 1902 fil-Bażilika tal-Lateran. F'dan iż-żmien huwa għamel xi proponimenti —

- ☒ **Is-Saċerdot huwa Kristu ieħor.**
- ☒ **Kollox ġej mir-rieda t'Alla u ddeċieda li jintrabat mar-Rieda t'Alla anke f'dak li ma jogħġbux.**
- ☒ **Ma jiġrix wara tiġrib fieragħ tad-dinja minkejja li kien ġej minn familja nobbli.**
- ☒ **Wiegħed li jgħid ir-Rużarju kuljum, iżur lil Ġesù Sagramentat, igħid l-Uffiċċju kollu u ma jgergirx għax kien twil.**

Wara li spiċċa mill-istudji huwa mar Davos fl-Isvizzera, sabiex jissaħħaħ ftit f'saħħtu.

Il-bidu tas-Saċerdozju tiegħu bdieh fil-Parroċċa tal-Qrendi, però ma damx għaliex wara tliet snin l-Isqof Pietru Pace fdalu f'idejh l-Istitut ta' Fra Diegu fil-Ħamrun. Ma' dan bdew jiżdiedu l-uffiċċji minkejja li qatt ma fittex uffiċċji ta' ġieh. Dan ġara wara li b'ubbidjenza mill-Isqof kellu jaċċetta li jkun Monsinjur tal-Katidral u wara Dekan. Dawn l-uffiċċji żdiedu l-aktar fiż-żmien ta' l-Isqof Mawru Caruana. Huwa għamlu Segretarju tiegħu, Rettur tas-Seminarju Maġġuri fl-Imdina, Senatur u rappreżentant tal-Kleru tad-Djoċesi fiż-żmien meta Lord Strickland ried ikeċċi l-membri tal-Kleru mill-Parlament. Barra minn dawn, huwa kien Direttur ta' diversi stituti, fosthom San Ġużepp il-Ħamrun, Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun, San Ġużepp f'Għawdex, San Franġisk de Paule f'Birkirkara.

Però, żgur li isem Ġużeppi DePiro jibqa' marbut ma' l-Istitut ta' San Ġużepp fil-Ħamrun. Sa minn qabel sar saċerdot, huwa kellu diġà f'moħħu li jagħmel ħidma pastorali qalb l-iltiema ta' dan l-istitut. Dan il-ħsieb kompla jberren f'moħħu anke meta kien f'Davos. Fil-kitbiet tiegħu nsibu li huwa xtaq li jifforma f'Malta soċjetà ta' saċerdoti taħt il-ħarsien ta' San Pawl. Barra minn dan, huwa xtaq igħix ħajja komuni ma' saċerdoti ekkleżjastiċi. Iżda meta rritorna minn Davos, sab li l-Istitut kien f'idejn qassisin oħrajn. Iżda peress li kien ibaxxi rasu għal kull talba li jagħmillu l-isqof, kellu jbati biex iwettaq il-ħolma tiegħu.

Fl-1909, il-Fundatur qasam l-idejat tiegħu ma' l-Isqof ta' Cassano Mons. La Fontaine. Dak li qallu Mons. DePiro kien jaqbel ħafna mal-fehma tiegħu, li kien hemm bżonn li f'Malta titwaqqaf soċjetà ta' qassisin li jintefgħu fuq il-ħidma missjunarja. Kien żgur ta' pjaċir għal Mons. La Fontaine, li nstab is-saċerdot adatt biex iwettaq din il-ħolma. Fuq talba ta' Mons. La Fontaine, Ġużeppi fassal ittra biex titressaq quddiem il-Papa Piju X, li minnufih ġiet rakkomandata mill-Isqof Pietru Pace. Fl-1910 il-Papa tah il-barka tiegħu u fit-12 ta' Ġunju 1910, l-Isqof Pietru Pace bierek dar ċkejkna li DePiro kera fl-Imdina. Huwa semmieha 'Dar Ċkejkna Ta' San Pawl'. Il-ferħ ta' Ġużeppi DePiro kompla meta fit-30 ta' Ġunju 1910 daħlu l-ewwel 2 żgħażagħ — wieħed bħala student u l-ieħor bħala katekista. Għalhekk is-Soċjetà taf il-bidu tagħha lit-30 ta' Ġunju 1910, festa tal-Martirju ta' San Pawl.

Però, biex il-bniedem iwettaq xi ħaġa ġeneralment igħaddi mit-toqol tal-prova — hekk ġralu Mons. DePiro, li beda jara li l-ħidma li kien qed jagħmel kienet qed tisfa fix-xejn. Beda jara vokazzjonijiet li kienu jidħrulu bħala tama jisfgħu fix-xejn. Però darba ħassu mfarraġ ħafna mill-Isqof Dumnikan Mons. Anġlu Portelli meta tah il-permess li jagħti s-suttana lil dawk li jidħlu mas-Soċjetà. Ferħ ieħor għal Mons. DePiro kien meta s-Soċjetà kien se jkollha l-ewwel saċerdot tagħha. Però xorta l-futur kien għadu mċajpar; il-problemi kienu kbar wisq għalih, tant li aktar m'għadda ż-żmien ħass li ma setax jiddedika ħafna ħin għaliha bħalma kienet ix-xewqa tiegħu. Anzi, biex ikompli d-delużjonijiet, l-ewwel saċerdot li kellha s-soċjetà ħareġ u sar saċerdot djoċesan.

Iżda minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, is-Soċjetà bdiet tagħmel l-ewwel passi 'l quddiem. Is-Soċjetà fi żmien il-Fundatur żviluppat billi akkwistat l-Istitut ta' San Ġużepp fil-Ħamrun, l-Oratorju f'Birkirkara, u fuq kollox il-Knisja ta' Sant'Agata li magħha kellha tinbena d-Dar Ċentrali tas-Soċjetà.

Fil-frattemp beda jikteb xi regoli li bbażahom fuq Istituti u Kongregazzjonijiet li l-idejali tagħhom kienu jixbħu lil tiegħu. L-Isqof Mawru Caruana approva s-Soċjetà fl-14 ta' Diċembru 1921, u qiesha magħrufa u mħarsa bħala Soċjetà mħarsa minnu. Fit-18 ta' Marzu 1924, l-istess Isqof approvalha parti mill- Kostituzzjonijiet.

Lil dawk li kienu jidħlu fl-Istitut kien ifissrilhom żewġ għanijiet:

i) **Igħinu lil dawk il-ġnus li għadhom bżonnhom.**

ii) **Jintefgħu f'ħidma pastorali fi djar ta' ħidma karitattiva.**

Però l-għan ewlieni kien għadu ma ntlaħaqx — kien għadu bla missjunarji. Iżda l-ferħ tiegħu ma damx ma wasal għaliex Fra Ġużepp Caruana, l-ewwel vokazzjoni tas-Soċjetà, offra li jmur fl-Abbissinja biex jagħti ħajtu 'l Alla f'ħidma missjunarja. Huwa ħadem għal 48 sena mill-1928 sal-1975. Il-korrispondenza ta' Fra Ġużepp mimlija esperjenza malajr ħeġġet lill-Fundatur biex jieħu deċiżjoni li jmur għal ftit żmien fl-Abbissinja. Iżda dan ma seħħx għaliex Mons. DePiro ħalla din l-art qabel ma seħħet il-ħolma tiegħu. Mons. DePiro miet fis-17 ta' Settembru 1933, wara li kien għadu kemm mexxa l-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri fil-Ħamrun fil-ħin li kien se jagħti l-barka sagramentali. Kienet kbira s-sogħba tal-poplu Malti għal dan is-saċerdot żelanti li ddedika ħajtu u butu għal dawk li huma inqas ixxurtjati minna.

Kif kien igħid il-Fundatur:— 'Is-Soċjetà tieħu r-ruħ wara mewti'. Hekk kellu jkun, għaliex is-Soċjetà nfirxet fl-Awstralja, il-Kanada, il-Perù u issa l-Pakistan, proprju wara mewtu. Xewqa oħra tal-Fundatur li seħħet wara mewtu kienet il-ksib ta' l-għarfien Pontifiċju fid-19 ta' Jannar 1973. Illum is-Soċjetà qiegħda direttament taħt il-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus.

Żagħżugħ, din hi l-ħajja tal-Fundatur ta' din is-Soċjetà Maltija u żagħżugħa. Il-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit, qalilna l-Mulej. Għaliex ma taħsibhiex sew, asal wasla sa Sant'Agata fir-Rabat u hemmhekk kellem lil xi 'father' u żgur ikollok aktar tagħrif.

LIR-REV. KAN. CARMELO SCIBERRAS

Kliemi hu dgħajjef biex lilek nuri
dak li ġo qalbi qed inħoss għalik,
għax kien l-eżempju tiegħek li kaxkarni
biex naħdem, niġri, ħidmieti nagħtik.

Għallimtni nħobb 'l Alla; Miegħu lil għajri,
urejtni kif għandi nistabar mill-ħsieb
li nibet ġo fija, x'ħin rajtni mkasbar
minn min kien għalija ħabib fost il-ħbieb.

Bil-qawwa ta' kliemek, rajt jiġru warajk
l-għedewwa li ħalfu li lilek jaraw
imgħaffeġ mill-kotra, mibgħud minnhom sħiħ,
miġbudin b'imħabbtek malajr huma sfaw.

Rajt il-fidili miġbura madwarek
sabiex int tgħidilhom liema hija t-triq
biex fiha jterrqu ħalli jsibu l-hena,
l-hena dejjiema li kulħadd jixtieq.

U għall-kwart ta' seklu, inti għallimthom
dak illi minn fommok Alla ried li jgħid,
u minn ġo jdejk Huwa bierek u ħafer
lill-poplu tiegħu; sa lil ġismu stess tmajt.

Hekk ibqa' int fisser, aħdem u għallem
lil min hu bla sabar, għal kliemek għatxan,
mexxi bi mħabbtek dal-poplu lejn Alla,
nissel il-hena u s-sliem ġo Ħal Balzan.

Ħal Balzan — 16/9/72 GUIDO BORG

Poeżija li ġiet miktuba u moqrija fl-okkażjoni tal-festa li l-Kumitat Ċiviku kien organizza lill-Kappillan Dun Karm Sciberras, f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

SKARPOLI
Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u suprataċċki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.
Ħinijiet tax-xogħol:
Mit-8.30 a.m. sa nofs in-nhar u
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

TURA
DEDICATED TO PROGRESS
12 HOUR SERVICE FOR COLOUR FILMS

IKUN LI TRID INT

F'jum fost il-Ġimgħa Mqaddsa fil-knisja parrokkjali tagħna saret rappreżentazzjoni bibblika bl-isem ta' "Ikun li trid Int". Kien nhar it-Tlieta, 6 t'April, meta għall-ħabta tas-7.25 p.m. riġlejja ħaduni lejn il-maqdes parrokkjali tagħna sabiex nassisti għal din ir-rappreżentazzjoni li kellha ssir. Hekk kif dħalt fil-maqdes, sibt bosta u bosta nies li kellhom il-fehma li kelli jien, li kienu ġa ħadu posthom u mlew il-knisja kollha. Kelli xorti li xi ħadd newwilli siġġu biex stajt inserraħ lili nnifsi. Ma kontx tisma nifs wieħed, billi dawk kollha li kienu hemm kienu kollha ħerqana li jaraw dak kollu li kien ippreparat għalihom minn żmien qabel, minn atturi u attriċi Balzanin.

Fis-7.30 p.m. bdiet din ir-rappreżentazzjoni dwar il-Passjoni u l-Mewt tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu. L-ewwel ma saret kienet mima li fiha ħa parti Joe Vella, il-produttur ta' din il-biċċa xogħol, u Rita Caruana li t-tnejn flimkien tawna xena tassew sabiħa. Wara bdiet ir-rappreżentazzjoni u baqgħet sejra għal madwar sebgħin minuta mingħajr waqfien ta' xejn li n-nies segwew b'attenzjoni kbira u bi skiet profond. Nistgħu ngħidu li sew il-produttur kif ukoll kull wieħed u waħda li ħadu parti, wettqu l-parti tagħhom, anke l-aktar parti diffiċli — dik tal-kruċifissjoni. Kien verament suċċess għalihom, suċċess li deher meta fit-tmiem tagħha l-poplu preżenti nfexx f'ċapċip kbir li deher li ma kienx se jkollu tmiem. Kien applaws verament mistħoqq lil dawk kollha li tawna serata tassew grandjuża. Prosit u prosit tassew għax biha mhux talli tajtu gost u pjaċir lil kull min kien preżenti, talli għoġobtu lil kulħadd u kien proprju f'waqtu r-ringrazzjament li l-Kappillan il-ġdid tagħna Dun Tarċis Delicata, li għalkemm għad ilu biss ftit xhur magħna, ġa ġibed l-imħabba u l-ammirazzjoni ta' ħafna u ħafna Balzanin. Jien f'ismi u f'isem dawk li kienu preżenti billi naħseb li kollha jaqblu mal-fehma tiegħi, nixtieq ningħaqad mal-Kappillan u ngħidilhom minn qalbi prosit u grazzi.

B'hekk għal anqas sirtu tafu li s-sagrifiċċju li għamiltu biex tajtuna rappreżentazzjoni stupenda ġiet apprezzata mill-parti l-kbira tal-Balzanin. Hawn ta' min isemmi li preżenti għal dan l-avveniment kienu l-awturi tal-produzzjoni ta' "Ikun il trid Int" li saret fuq it-television Malti s-sena l-oħra u li minnha Joe Vella ħareġ il-produzzjoni li rajna. Irrid ingħid li kienu preżenti Manwel Mifsud u Therese Cassar li t-tnejn flimkien kienu l-awturi tal-mużika u l-kliem tagħha.

Dawn qalu li kienu wisq kuntenti u wisq sodisfatti bil-produzzjoni li tawna Joe Vella u sħabu kollha, mill-aktar wieħed li kellu l-parti prinċipali sa l-anqas wieħed li ħadem fiha. Komplew jgħidu li qatt ma ħolmu li kellhom jaraw xogħolhom imwettaq tant tajjeb u b'kostumi hekk sbieħ mill-grupp folkloristiku Balzani. Kulħadd irringrazzjakom għax tassew kien jistħoqqilkom. S'issa r-ringrazzjamenti tagħna kienu lill-grupp in ġenerali; tajjeb għalhekk li issa nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu u nibda biex nagħti prosit lill-Kappillan li nkoraġġixxa u għen lill-grupp minn kwalunkwe lat sabiex il-ħsieb qaddis tagħhom minn ħolma sar realta' u kiseb suċċess kbir. Nifraħ u nagħti prosit lil Joe Vella tal-kliem il-ġdid li sawwar. Nagħti prosit lil Joanna Vella li ħadet ħsieb it-tmexxija tal-kant u l-mużika u li bil-ħeġġa tagħha u bil-vuċi ħelwa u simpatika tagħha kompliet żiedet il-ġieħ ta' din il-produzzjoni. Dawk kollha li ħadu sehem fiha, kollha ħaqqhom kliem ta' tifħir għal għemilhom fosthom l-attur prinċipali, Jesmond Pace, fil-parti ta' Kristu.

Dan qala' l-parti tiegħu tant tajjeb u l-kant tiegħu kien tant tajjeb li seraq l-ammirazzjoni ta' l-ispettaturi kollha. L-istess nistgħu ngħidu għal Laurence Scicluna fil-parti ta' Pilatu u għal kant magħmul minnu. Silvana Psaila wkoll jixraqilha kull tifħir għall-biċċiet solo li kellha. Nagħti prosit ukoll lil Eileen Micallef li daqqet l-armonju, lil kor kollu u lill-kitarristi Elizabeth Micallef, Tessie Spiteri, Daniela Licari, u lin-narratur Guido Borg li qara b'vuċi ċara u tant tajjeb li seta' jifhmu kulħadd.

Kienu mpotenti u kellhom ilbies sabiħ iż-żewġ suldati Romani, Marco Bartolo u Salvu Galea. Kienu wkoll adattati u kellhom ilbies xieraq dawk kollha li ħadu l-parti tal-poplu, sew it-tfajliet Marisa Fenech, Sandura Schembri, Anna Galea, Rita Caruana u Marianne Griffin kif ukoll il-ġuvnotti Jimmy Mallia, Joseph Spiteri, Mario Gravina u Renzo Lanzon.

Prosit jixraq ukoll għall-effetti tad-dawl li ħadu ħsiebu Tano Cesareo, Joseph Pullicino u Martin Chetcuti. Fl-aħħar nagħtu kliem ta' ringrazzjament lis-sagristan Valentino Chetcuti li ħejja dak li kien jinħtieġ għal din ir-rappreżentazzjoni li għamlet unur mhux biss lil min ħaseb għaliha u ħadem fiha imma li serviet sabiex nuru li f'Ħal Balzan għandna talent biżżejjed biex naslu u nagħmlu dak li bliet u rħula oħra ta' Malta jagħmlu f'dawn il-jiem qaddisa.

Nagħlaq billi nerġa' nirringrazzja lil kulħadd u nixtieqilhom kull suċċess f'attivitajiet bħal dawn u nħeġġiġhom kif ukoll inħeġġeġ lil oħrajn kapaċi f'dan il-qasam, sabiex jissieħbu magħhom biex ikunu jistgħu jagħtuna rappreżentazzjonijiet bibliċi bħal "Ikun li trid Int". Prosit u prosit tassew.

Valentino Muscat

Lista ta' dawk li mietu fis-Sagra Infermeria minn Hal Balzan bejn is-sena 1719-1734

7 ta' Ottubru 1917 —

Is-saċerdot Dun Ferdinandu Bonnici u ġie midfun fl-istess Sacra Infermeria. p. 61.

26 ta' Jannar 1720 —

Mikiel Zammit ta' Duminku. Il-funeral sar l-għada. p. 85.

26 ta' Frar 1723 —

Salvatore Cauchi. Ġie midfun f'Ħal Balzan. p. 27.

14 ta' Jannar 1726 —

Duminku Cassar bin il-mejjet Antonio minn Ħal Balzan u fl-istess jum sarulu l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 24.

7 ta' Ottubru 1728 —

Vincenzo Aquilina. L-għada sarulu l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 259.

16 ta' Ottubru 1729 —

Ġużeppi bin Gio Paolo Cortis. Nhar it-18 ta' Ottubru sarulu l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 289.

17 ta' Ottubru 1730 —

Grazzja, l-armla tal-mejjet Vincenzo Aquilina fl-isptar ta' l-inkurabbli fil-Belt Valletta. L-għada sarulha l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 310.

14 ta' Marzu 1733 —

Gio Paolo Cardona. L-għada ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 344.

17 ta' Jannar 1734 —

Pietru Zarb bin il-mejjet Ġużeppi. Nhar id-19 sarulu l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 406.

Insibu li nhar is-17 ta' Julju 1726, mietet Marija bint il-mejjet Andrea Hagius u Anna (ħajja) minn Ħal Balzan fl-Isptar tar-Rabat ta' l-Imdina. L-għada sarulha l-funerali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. p. 221.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Alla ħalaqna biex nagħrfuh, inħobbuh u naqduh, u hekk, wara l-ħajja f'din id-dinja, immorru ngawduh għal dejjem fil-ġenna. Naħseb li lkoll tiftakruha din it-tweġiba mill-Katekiżmu. Il-għaqda tagħna ma' Alla fil-ġenna se tkun skond kemm kienet kbira u qawwija l-għaqda tagħna miegħu fuq din l-art; fi kliem ieħor, skond kemm inkunu għamilna dak li jrid minna Hu.

L-isbaħ eżempju ta' bniedma li dejjem u kullimkien għamlet dak li ried minnha l-Mulej hi l-Madonna, li dalwaqt fil-Parroċċa tagħna se niċċelebraw il-festa ta' l-Annunzjazzjoni tagħha. Għall-kelmiet ta' l-Anġlu Gabriel, Marija tħawdet u bdiet taħseb, bejnha u bejn ruħha, x'setgħet tfisser dik it-tislima. Iżda meta l-Anġlu fissrilha x'ried Alla minnha — li ssir l-Omm ta' l-Iben tiegħu — Hi kienet pronta weġbitu: "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek."

Kemm għandna għax inkunu ferħanin f'dawn il-ġranet li qegħdin infakkru ġrajja hekk kbira! Imma l-ferħ tagħna jkun ferħ veru jekk, bħal Marija, aħna wkoll inkunu dejjem lesti biex nagħmlu dak li jrid minna Alla. Kif se nkun naf x'għandi nagħmel biex dejjem nogħġob lilu? It-tweġiba hija sempliċi ħafna. Qabel tiġi biex tagħmel xi ħaġa, staqsi dejjem lilek innifsek: Li kieku Ġesù kien minfloki, din il-ħaġa kien jagħmilha? Jew, din il-kelma kien igħidha? Jew, dak il-film kien jarah? Jew, ma' dak il-ħabib kien jagħmilha? Jekk iva, agħmilha inti ukoll; jekk le, tagħmilhiex. Jekk f'ħajjitna nimxu dejjem hekk, żgur li ma niżbaljaw qatt u ngħixu dejjem ferħanin.

B'dan il-ħsieb, għeżież tfal, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba.

KOMPETIZZJONI

Hija ħaġa xierqa li l-Kompetizzjoni ta' din il-ħarġa tkun fuq il-Patruna tar-raħal tagħna. Kull ma għandkom tagħmlu huwa li tiktbu 10 titoli li bihom insellmu 'l Marija Ssma.

Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk:

"KOMPETIZZJONI",
'ĦAL BALZAN',
c/o KAŻIN SAN GABRIEL,
BALZAN.

Ibagħtu l-ittri tagħkom mhux iktar tard mill-aħħar ta' Ottubru.

JUMEJN F'GERUSALEM

Dħalt Israel mill-Kajr f'ajruplan ta' bil-lejl, imbagħad għal Jerusalem f'"cheroot" — taxi — mercedes għal 8 minnies — għal ġo hotel modern Lhudi ħdejn il-belt il-qadima.

Filgħodu dħalt fil-Belt il-Qadima infittex l-Istitut Pontifiċju. Lid-Direttriċi ingliża tajtha xi affarijpiet mingħand is-sorijiet Maltin ta' Madre Tereża fil-Kajr għal għand is-sorijiet ta' Gaza. Ma' żewġ qassisin amerikani u avukatessa Quaker xrobna **l-kafe' li of**frietilna u smajna l-istorja ta' l-istitut u l-għajnuna li tagħti lir-refuġjati. Kif pprevedew is-sorijiet tal-Kajr minn hemm ħadt l-ismijiet ta' familji ta' neguzjanti nsara, u hekk sibt ruħi Ramallah, seba' mili barra minn Jerusalem — qalb għelieqi żgħar bil-ħitan qisna Malta, għand burdnar, ġuvni palestinjan nisrani fix-xogħol tiegħu u malajr ftehmna biex naħdmu flimkien jekk l-awtoritajiet Israelin jippermettu.

L-għada qomt kmieni, kienet ix-xita, u mort infittex il-quddies fis-Santu Sepulkru. Trid tinżel 'l isfel fil-Knisja, u għal ġol-Kappella tas-sepulkru stess u trid tbaxxi rasek sewwa. Kien hemm quddiesa ta' grupp pellegrin spanjol fil-Bażilka u mbagħad ma' tużżana amerikani magħfusin inżilna fis-Sepulkru. Meta ħriġt bist il-Qabar ta' Sidi. Barra l-Qabar qaluli li l-Kalvarju kien 'l fuq fil-Bażilka. Tlajt it-taraġ u hemm quddiem is-Salib tfajt il-fidi f'xogħli f'dawk l-inħawi f'idejn Ġesù kompletament għax kelli biża' li dik il-ġurnata l-Lhud jew jitggħuni l-ħabs jew 'l barra mill-pajjiż.

Mis-Salib tiġi l-qawwa, u skantajt mhux ftit jien u naqbad l-ajruplan lura għall-Kajr kif għaddejt minn dik il-ġurnata u sar kull ma kellu jsir ma' l-Awtoritajiet.

Kemm huma umli l-minoranza insara f'Jerusalem qalb il-Lhud u l-Musulmani — imma jirreflettu sewwa l-qawwa tal-persuna ta' Kristu, u fhimt li l-insara ta' hemm huma l-unika tama umana għal biex jibda djalogu bejn il-miġġieldin ta' dawk l-inħawi. Il-fidi tagħna l-Maltin f'Alla irridu nuruha mill-ġdid fil-ħidma tagħna tax-xogħol ta' kuljum 'l hemm mix-xtut tagħna, kif ukoll f'qalb niesna.

Peter Cassar Torreggiani

TAZZA FINA TAL-KRISTALL

Novella ta' CARMEL ATTARD

KIEN IGĦIX MA' OĦTU F'DAR DEJJEM MAGĦLUQA FI TRIQ KEMMXEJN TRAFFIKUŻA. NAĦSEB LI KIENU ILHOM ĦAFNA SNIN JOQOGĦDU HEMM, IŻDA D-DAR NIFTAKARHA DEJJEM L-ISTESS. . . MINN BARRA, BIL-BIEB U T-TWIEQI MIŻBUGĦIN AĦDAR SKUR BĦALL-GALLERIJA, BIL-PURTEL-LI DEJJEM MAGĦLUQA LI MINNHOM QATT MA DEHER ĦADD JITTAWWAL.

Suppost dik id-dar kienet saret ħafna aktar maħmuġa, iżda għal xi raġuni baqgħet f'kundizzjoni ta' ndafa passabli. L-għatba kienet tħammġet xi ftit billi darba waħda biss rajtha tinħasel, meta darba oħtu ħarġet barmil bi ftit ilma u għaddietha ftit fuq fuq. Hija kienet tixref fuq din l-għatba kull fil-għodu biex tmur taħdem u huwa kien jibqa' d-dar, għax ma kienx jaħdem; jiena naħseb li qatt ma ħadem; qatt ma kien tajjeb wisq biex jaħdem.

Kien jagħmel xhur sħaħ ma joħroġx mid-dar. Naħseb kien ikun ma jiflaħx sewwa. Iżda mbagħad kien jagħmel żmien mhux ħażin, joħroġ kuljum. Jiena qatt ma rnexxieli nsar naf x'kien jismu, iżda naħseb, hekk inħoss li kien jismu bħali. Konna niltaqgħu fit-triq xi kultant mexjin kontra xulxin. Xi kultant kien isellimli, iżda mhux dejjem. Kien iħobb jilbes qmis minn barra, fis-sajf s'intendi, u kellu nuċċali bi frajm oħxon li kien jagħtih id-dehra ta' xjenzjat kbir. Meta kont żgħir kont naħseb li hu xjenzjat.

Kien ipejjep ħafna sigaretti, wieħed wara l-ieħor, wieħed jitfi u l-ieħor iqabbad u kien ipejjep bil-għaġla donnu ġej xi ħadd jisraqulu. Naħseb kellu ħafna sigaretti id-dar fil-kamra tiegħu u naħseb li l-art ta' kamartu kienet mimlija bil-loqom tagħhom. Anzi naħseb li xi kultant kien jiżloq fihom meta ma kienx jirnexxielu jgħaffiġhom. Naħseb li oħtu kienet tgħajjat miegħu ħafna fuq hekk, iżda hu qatt ma kien jagħti kasha. Kien igħidilha, forsi, li dak kien l-aħħar wieħed u ftit wara jqabbad ieħor. Wara kollox ma kellux x'jagħmel ħlief ipejjep.

Darba niftakar kien bħal dażżmien tas-sena, fis-sajf, ħriġt fil-għaxija biex immur lejn ir-raħal fil-qrib u rajtu ġej iħaffef in-naħa tiegħi. Kien jidher eċitat xi ftit u waqaf quddiemi filwaqt li baqa' jħares ċass lejja għal ftit ħin, mingħajr ma kellimni. Imbagħad staqsejtu jekk kellux bżonn xi ħaġa u weġibni "X'se nagħmel, x'se nagħmel? Oħti daħlet fis-sodda u ma tridx toħroġ." Weġibtu li aktarx kienet ma tiflaħx u li forsi aħjar iġibilha t-tabib. "Dik qatt ma kienet hekk, dik qatt ma mardet" weġibni u staqsini jekk naħsibx li ser tmut. Serraħtlu rasu mill-aħjar li stajt għax kont naf xi tfisser oħtu għalih u li mingħajrha kien żgur jitlef rasu u jiġġennen. Għidtlu biex jara għandhiex deni u jsaqsiha x'qed tħoss sewwa. . . jekk għandhiex xi wġigħ ta' ras qawwi jew xi wġigħ ieħor. "Wara kollox aktarx li kull ma għandha oħtok, hija xi ftit influwenza minħabba t-tibdil tat-temp" spiċċajt ngħidlu. Irringrazzjani bil-ħatfa u telaq lura d-dar u kif daħal għalaq il-bieb warajh bħas-soltu.

Għaddejt il-jiem ta' wara mħasseb daqsxejn, għax hu kellu bżonn min idur bih u żgur kien qed jikkonfondi ħafna b'li ġralha oħtu. Għaddili ħsieb li nħabbatlu biex nara għandux bżonn xi ħaġa iżda ħsibt li aħjar nistenna forsi nerġa' narah fit-triq. Infatti hekk ġara u ftit ġranet wara rajtu bil-basket f'idu sejjer jixtri. Staqsejtu mill-ewwel kif għaddiet oħtu u weġibni li ma kienet qed tiekol xejn u li xi kultant kienet tokrob bl-uġigħ. Kien qalilha biex iġibilha t-tabib kif għidtlu jien, iżda hija wissitu serjament biex ma jġib lil ħadd għax dalwaqt jgħaddilha kollox. "Jekk tibqa' sejra għal agħar, ħallik milli tgħid hi u ġibilha t-tabib" għidtlu. Qalli li hi żgur ma tkunx trid lil ħadd jidħol id-dar. Meta staqsejtu jekk kontx nista' naqdih f'xi ħaġa sellimli bil-ħatfa u baqa' sejjer. . . konfuż qalb il-karozzi u n-nies għaddejjin minn dik it-triq daqqa jitla' l-bankina u daqqa jerġa' jinżel sakemm isib ruħu f'nofs it-triq u l-karozzi jpaqpju warajh.

Wiċċi tnikket quddiem il-figura tiegħu jitbiegħed dejjem minni. Bqajt sejjer lejn triqti mħasseb u malli għaddejt il-bieb magħluq ta' darhom stħajjilt li qed nara dik il-povra xebba fl-istat li fih stajt naħseb li kienet.

Għaddew xi jiem li tulhom kont ta' kuljum nistennih fil-għaxija sejjer jagħmel ix-xirja u konna nitkellmu fuq oħtu u fuq xi problemi li kien qed isib ruħu fihom għall-ewwel darba f'ħajtu, issa li kellu jieħu ħsieb id-dar hu. Darba fost l-oħrajn deher eċitat aktar mis-soltu u talabni xi mediċina biex jagħtiha lill-oħtu. Jiena la kont tabib u lanqas spiżjar, iżda ġibtlu xi pilloli qawwijin minn meta ftit xhur qabel kienet ħakmitni sewwa l-influwenza. Dawn kont għidtlu iniżżlulha d-deni u għandu mnejn tistejqer għal kollox.

L-għada kien is-Sibt, niftakar sewwa bqajt nistennih xi siegħa sejjer għax-xirja tas-soltu, iżda baqa' ma tfaċċax. Qatt ma tfaċċa aktar. Sibnieh nofsu mejjet b'puplesija fuqu mixħut minn tulu fl-art ħdejn is-sodda ta' oħtu mejta, fil-ponn ta' jdejh kaxxa pilloli tad-deni u mal-kamra ħafna frak 'l hawn u 'l hemm ta' tazza fina tal-kristal.

BALZANIN GODDA

Mal-mitt sena ilu, sewwa sew fit-28 ta' Frar, 1883, sar l-ewwel vjaġġ bil-vapur ta' l-art mill-Belt (taħt Putirjal jew kif nafuh issa bħala Bieb il-Belt), għall-Imdina.

Bejn il-Belt u l-Imdina l-vapur kien jieqaf f'diversi stazzjonijiet fosthom tnejn f'Ħal Balzan wieħed fejn illum hemm Triq San Franġisk, kantuniera ma' Triq il-Linja u l-ieħor quddiem Sant'Anton biswit il-Lukanda Corinthia jew Villa Refalo.

In-nol kien sold il-mil (l-ewwel klassi) u ½d il-mil (it-tielet klassi). Kien hemm nol ta' 2d għall-ħaddiema mill-Belt għall-Imdina jew lura. Il-vjaġġ kien jieħu ħamsa u tletin minuta lejn l-Imdina, għat-telgħa u nofs siegħa, għan-niżla, għax kif igħid il-Malti, għan-niżla kull qaddis igħin! Il-kumpanija 'The Malta Railway Co. Ltd.' kellha tagħlaq fit-2 t'April, 1931.

Dak iż-żmien, fuq il-Linja, għax hekk kulħadd kien jafha, it-triq li tieħu mill-Corinthia għall-Kulleġġ San Alwiġi, ma kienx hemm djar ħlief waħda 'l hawn u 'l hemm, u torri. Sa erbgħin sena ilu l-linji tal-ferrovija kien għadhom jidhru u sa ma qabel bdew jinbnew id-djar u l-vilel, il-mogħdija li fuqha kienu jistrieħu dawn il-linji kont tista' taraha.

Kif inbidlet din il-ħâra kollha! Kemm żdiedu djar sbieħ, vilel kbar u lussużi u kemm żdiedet il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan minn dak iż-żmien 'l hawn!

L-istess nistgħu ngħidu għal Sqaq Dmejda, fejn saħansitra s-Sorijiet tal-Buon Pastur qed jagħtu ċans għall-bini ta' vilel l-egħlieqi tagħhom, il-Wied fejn l-egħlieqi ta' Sajru Nies nbnew kollha u għaqad ma' Ħal-Lija, Sqaq iz-Zekkuk u Sqaq id-Dingejru, wara l-Knisja u n-naħa tar-razzett tal-Gozzu. L-għalqa l-Kbira ta' wara l-Knisja, l-għalqa ta' Gagħnan u l-għalqa tal-Fuli saru raħal ieħor!

Dan ifisser li ħafna nies minn irħula oħra qed jagħmlu Ħal Balzan l-għamara tagħhom. Mela dawn saru *Balzanin ġodda*! Lil dawn aħna l-Balzanin qodma, nawgurawlhom li ġor-raħal kwiet u sabiħ tagħna isibu dak li tant ilhom joħolmu! Iżda nitolbuhom jintegraw ruħhom fil-ħajja tar-raħal tagħna, jintroduċu lilhom infushom u jagħtu l-kontribut, li ħafna drabi jista' jkun tant siewi. ħalli Ħal Balzan jibqa' jgawdi dejjem l-isem ta' raħal ideali fejn wieħed jista' jgħix fil-kwiet u fil-paċi, issnin li Alla jogħġbu jisilfu.

ANTHONY FENECH

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI

(Ikompli minn paġna 1)

Il-Ħadd, 19 ta' Settembru — Jum il-Festa

Quddiesa bil-kant, omelija u tqarbin: 6.00, 7.30, 8.30, u 11.30 a.m.

9.15 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Pontifikali solenni bil-mużika li fiha jikkonċelebraw il-qassisin tal-parroċċa u s-saċerdoti kollha li ħarġu mill-parroċċa. Imexxi l-Konċelebrazzjoni r-Rev. Saċ. Joseph Borg. Wara l-Vanġelu paneġierku mir-Rev. Kan. Prep. Joseph Bonello. Wara l-quddiesa jsir il-bews tar-relikwija tal-Madonna.

10.00 a.m. Marċi mill-Banda "Duke of Connaught" ta' B'Kara.

5.30 p.m. Marċi mill-banda "King's Own" u programm mużikali fuq iz-zuntier tal-knisja. Fil-ħruġ tal-purċissjoni t-tenur Andrew Sapiano jkanta l-Ave Maria akkumpanjat mill-istess Banda.

5.30 p.m. Marċi mill-Banda '12th May' ta' Ħaż-Żebbuġ, u programm fi Pjazza Balzan.

6.30 p.m. Għasar bil-mużika. Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna. Imexxi s-Saċ. Joseph Borg. Mad-dħul tal-Purċissjoni Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Matul il-purċissjoni u wara, murtali tal-Kulur u kaxxa nfernali mid-delittanti tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

Wara l-Benedizzjoni ħruġ ta' nar ta' l-art fi New Street mid-dilettanti tal-Każin Marija Annunzjata.

Wara l-Benedizzjoni marċ ta' egħluq il-Festa mill-Banda "St. Gabriel".

Il-Mużika tat-Tridu u tal-Festa tkun tas-surmastrijiet Paolo u Antonio Nani, taħt id-direzzjoni ta' Mros. Joseph Gatt.

